MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 2176/1995/1

***I.T.C Limited***

***Versus***

***Associated Supplies Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' sebat elef, disa' mija u erbgħin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm7,940.55) – daqs tmintax-il elf, erba' mija u sitta u disgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€18,496.51) – prezz ta' merkanzija mibjugħa u servizzi mogħtija lill-konvenuta mill-attriċi u mfissra fiċ-ċitazzjoni. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż ġudizjarji u l-imgħax sa meta jsir il-ħlas.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kambjala (għal parti mis-somma mitluba mill-attriċi) ma tiswiex għax ma fihiex il-firma ta' żewġ diretturi tal-konvenuta, kif irid l-istatut tagħha;
2. l-azzjoni hija "intempestiva" għax l-attriċi għadha ma għamlitx konsenja sħiħa;

3. is-somma mitluba hija wisq għax tiġbor fiha wkoll il-prezz ta' *components* difettużi;
4. it-talba għall-ħlas tal-ispejjeż ta' żjara ta' inġinier mill-Ingilterra hija "infondata" u "intempestiva" għax kemm l-attriċi u kemm l-inġinier naqsu milli jwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt il-ftehim;
5. it-talba għall-ħlas għal *courier services* għandha tiġi miċħuda għax il-konvenuta qatt ma ordnat dawk is-servizzi;
6. it-talba għall-ħlas għal xogħol addizzjonali ma għandhiex tintlaqa' għax dan ix-xogħol kien parti mill-ftehim mill-bidu, u sar meħtieġ biss minħabba nuqqasijiet u dewmien mill-attriċi;
7. it-talba għall-ħlas tal-prezz ta' parti mill-apparat u tal-ġarr tiegħu hija wisq kemm għax tiġbor il-prezz ta' ġarr li, bi ħtija tan-nuqqas u d-dewmien tal-attriċi, sar għalxejn, kemm għax tiġbor il-prezz ta' ħwejjeġ li l-konvenuta qatt ma ordnat, u kif ukoll għax il-konvenuta ġarrbet danni biex għamlet spejjeż u xogħol żejda bi ħtija tan-nuqqas u d-dewmien tal-attriċi;
8. it-talba għall-ħlas tal-prezz ta' apparat elettriku skond ftehim tal-11 ta' Settembru 1995 hija – bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni dwar in-nullità tal-kambjala relativa – intempestiva billi l-attriċi għadha ma għamlitx konsenja sħiħa, u hija wkoll wisq kemm għax parti mill-apparat kien difettuż u kif ukoll għax il-konvenuta ġarrbet danni minħabba fid-dewmien fil-konsenja; u
9. il-konvenuta ġarrbet ukoll danni oħra bi ħtija tan-nuqqas u d-dewmien tal-attriċi fil-konsenja ta' *fire alarm system* u apparat elettriku.

Il-konvenuta nqdiet bil-proċedura mibdija mill-attriċi biex ressqet b'rikonvenzjoni l-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi kienet ordnat *fire alarm system* u apparat elettriku, bl-aċċessorji u dokumentazzjoni relativi, mingħand l-attriċi iżda din naqset milli tagħmel konsenja sħiħa fiż-żmien u bil-mod miftiehma. Barra minn hekk il-konvenuta ġarrbet danni kbar, l-aktar minħabba spejjeż żejda, biex tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet tal-attriċi. Billi għalxejn sejħet lill-attriċi biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dawn id-danni, il-konvenuta qiegħda b'rikonvenzjoni titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attriċi naqset milli tagħmel konsenja sħiħa, fiż-żmien u bil-mod miftiehma, tal-ħwejjeġ ordnati mill-konvenuta;
2. tikkundanna lill-attriċi sabiex, fi żmien qasir u perentorju, tikkonsenja lill-konvenuta l-aċċessorji u d-dokumentazzjoni nieqsa sabiex il-konsenja tkun sħiħa;
3. tgħid illi l-konvenuta ġarrbet danni kbar, l-aktar minħabba spejjeż żejda, biex tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet tal-attriċi;
4. tillikwida d-danni li ġarrbet il-konvenuta; u
5. tikkundanna lill-attriċi tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax sa meta jsir il-ħlas.

L-attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talbiet tal-konvenuta:

1. l-attriċi wettqet l-obbligazzjonijiet kollha miftiehma; u
2. kull dewmien u nuqqas ta' konsenja li seta' kien hemm, u kull dannu li l-konvenuta setgħet ġarrbet, taħti għalihom il-konvenuta stess billi din kisret il-ftehim dwar fornitura, tqegħid u ħlas tal-*fire alarm system* u tal-apparat elettriku.

B'rikors tad-9 ta' Jannar 2001[1] is-soċjetà konvenuta talbet illi titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri, iżda din it-talba kienet miċħuda b'dikriet tat-22 ta' Mejju 2001[2].

B'dikriet tal-14 ta' Novembru 1996[3] il-qorti ħatret espert tekniku sabiex igħinha dwar kwistjonijiet tekniċi. L-espert tekniku ħalef ir-relazzjoni tiegħu[4] fl-4 ta' Novembru 2004[5]. Is-soċjetà konvenuta b'nota tas-7 ta' Marzu 2005[6] għamlet mistoqsijiet għall-eskussjoni tal-perit tekniku, u dan wieġeb fil-5 t'Ottubru 2006[7]. B'nota tas-17 t'Awissu 2004[8] is-soċjetà konvenuta kienet ukoll talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda wara t-tweġibiet tal-perit ma baqgħetx tinsisti fuq din it-talba, u l-qorti wkoll, wara li rat ir-rapport u t-tweġibiet, hija tal-fehma illi ma hijiex meħtieġa perizja ulterjuri.

---

1 *Fol*. 316.
2 *Foll*. 321 *et seq*.
3 *Fol*. 40.
4 *Foll*. 645 *et seqq*.
5 *Fol*. 644.
6 *Foll*. 651 *et seqq*.
7 *Foll*. 681 *et seq*.
8 *Fol*. 643.

Fis-26 ta' Jannar 2007[9] il-qorti tat lill-partijiet żmien sabiex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub. L-attriċi għamlet dawn is-sottomissjonijiet b'nota tad-9 ta' Mejju 2007[10], iżda l-konvenuta ma għamlet xejn. Il-qorti għalhekk reġgħet, fit-12 t'Ottubru 2007[11], tat lill-konvenuta żmien biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, iżda għalxejn. Fl-14 t'Ottubru 2008[12] il-qorti reġgħet, għal darb'oħra, tat lill-konvenuta żmien biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, iżda għal darb'oħra dan reġa' kien għalxejn. Biex ma tħallix li l-kawża tkompli titwal, il-qorti sejra issa tgħaddi biex tagħti s-sentenza għalkemm imċaħħda mill-għajnuna tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta, li kienu jkunu ferm utli meta tqis il-volum konsiderevoli iżda mhux indiċjat ta' provi mressqa mill-istess konvenuta.

Il-fatti relevanti huma illi s-soċjetà konvenuta kienet imqabbda bħala kuntrattur minn terzi sabiex tagħmel xogħlijiet f'lukanda, u qabbdet lill-attriċi bħala sub-kuntrattur għal *fire alarm system* u sistemi elettriċi. L-attriċi issa qiegħda tgħid illi l-konvenuta ma ħallsitx dak li kellha tħallas, waqt illi l-konvenuta qiegħda tgħid illi kien hemm dewmien, nuqqasijiet u ħsarat fil-konsenja li għamlet l-attriċi.

Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku huma illi x-xiehda prodotta ma turix nuqqasijiet min-naħa tas-soċjetà attriċi – "ma narax illi l-konvenuti rnexxielhom juru illi hemm xi raġunijiet tekniċi li jiġġustifikaw illi ma jħallsux l-ammont pretiż mill-atturi"[13] u lanqas illi l-attriċi ikkonsenjat ħwejjeġ li ma kinux ordnati. Dwar l-allegazzjonijiet ta' dewmien fil-konsenja l-espert wieġeb illi ma kienx hemm *works programme*, jew, għall-inqas, ma nġibitx xiehda dwar *works programme*, u għalhekk ma jistax jingħad illi saret xi prova ta' dewmien; l-espert sab biss illi kien hemm xi *manual* li wasal tard, iżda ma jidhirx li dan kellu xi effett serju fuq it-tħaddim tas-sistemi.

L-espert baqa' ta' l-istess fehma wkoll fit-tweġibiet li ta għall-mistoqsijiet li sarulu għall-eskussjoni. Il-konvenuta, kif rajna, ingħatat aktar minn okkażjoni waħda biex turi

9 *Fol*. 685.
10 *Foll*. 686 *et seqq*.
11 *Fol*. 697.
12 *Fol*. 699.
13 *Fol*. 646.

fejn il-konklużjonijiet tal-espert kienu mibnija fuq apprezzament ħażin tax-xiehda, iżda, kif rajna wkoll, naqset milli tagħmel dan.

Il-qorti għalhekk ma tarax illi ma għandhiex toqgħod fuq il-konklużjonijiet tekniċi tal-perit, u sejra issa tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet ta’ natura legali.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni – in-nullità tal-kambjala – il-qorti tosserva illi din ma hijiex azzjoni għall-ħlas ta’ kambjala iżda azzjoni mibnija fuq ir-rabta kuntrattwali li wasslet għall-ħruġ tal-kambjala. F’dan il-kuntest, il-kambjala setgħet biss isservi bħala prova tal-obbligazzjoni, li, iżda, ġà tirriżulta minn provi oħra. Il-kwistjoni tal-validità jew nullità tal-kambjala għalhekk ma għandha ebda relevanza, u ma hijiex meħtieġa deċiżjoni dwar hekk.

L-eċċezzjoni ta’ intempestività kienet meqjusa mill-espert tekniku, u l-espert ma sab ebda prova ta’ dewmien jew konsenja nieqsa mill-attriċi. Rajna wkoll illi l-espert ma sab ebda prova ta’ konsenja ta’ ħwejjeġ bi ħsara, jew xi nuqqas ieħor tas-soċjetà attriċi. Għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u l-kontro-talbiet tagħha ma jistgħux jintlaqgħu.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tiċħad ukoll il-kontro-talbiet tagħha; tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta’ tmintax-il elf, erba’ mija u sitta u disgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€18,496.51) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------